

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2019 — Silgan Closures u Silgan Holdings vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-410/18) ⁽¹⁾****(“Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-imballaġġi tal-metall — Deċiżjoni li tinfetaħ investigazzjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)**

(2019/C 164/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Silgan Closures GmbH (Munich, il-Ġermanja), Silgan Holdings, Inc. (Stamford, Connecticut, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: H. Wollmann, D. Seeliger, R. Grafunder u V. Weiss, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Christoforou, B. Ernst, G. Meessen, C. Vollrath u L. Wildpanner, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018) 2466 finali, tad-19 ta' April 2018, li permezz tagħha l-Kummissjoni bdiet proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE fil-Każ AT.40522 — Pandora.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*
- 3) *Silgan Closures GmbH, u Silgan Holdings, Inc., għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni Ewropea.*
- 4) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Kunsill għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess relatati mat-talbiet għal intervent.*

⁽¹⁾ ĠU C 285, 13.08.2018.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2019 — Haba Trading vs EUIPO — Vida (vidaXL)**(Kawża T-503/18) ⁽¹⁾****(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2019/C 164/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Haba Trading BV (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: B. Schneiders u A. Brittner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Vida AB (Alvesta, l-Isvezja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Ġunju 2018 (Każ R 190/2016-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Vida AB u Habá Trading BV.

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*
- 2) *Habá Trading BV hija kkundannata tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

(¹) ĠU C 373, 15.10.2018

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Marzu 2019 — Comune di Milano vs Il-Parlament u Il-Kunsill

(Kawża T-75/19) (¹)

(“Rinunzja tal-ġurisdiżjoni”)

(2019/C 164/55)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Comune di Milano (rappreżentanti: F. Sciaudone, M. Condinanzi u A. Neri, avukati)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Visaggio, I. Anagnostopoulou u A. Tamás, aġenti) u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer, F. Florindo Gijón u E. Rebasti, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU 2018, L 291, p. 3), u, min-naħa l-oħra, talba intiża li tiddikjara mingħajr effett deċiżjoni allegatament adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2017.